MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2939/2002

***Anthony Farrugia Company Limited***

***vs***

***Raymond Gauci***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm97.20) rappresentanti prezz ta' merkanzija varja mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fil-hanut *Tuck Inn Bar and Restaurant.*

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-23 ta' Novembru 2001 u bl-imghax legali mill-istess data tal-prezentata ta' l-avviz sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Alex Arena ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut u pprezenta prospett in konnessjoni mat-talba attrici li gie mmarkat bhala Dokument AA1.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disgha u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm79.20), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------